MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2010

Numru. 533/2010

**Pulizija**
**(Spettur Ian Joseph Abdilla)**

**vs**

**Stefan-Pierre Debono**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Stefan-Pierre Debono ta' 37 sena, bin il-mejjet Carmel u Maria Louise nee' Scalpello, imwieled Sliema fl-20 ta' Gunju 1972 u residenti fi Flat Numru 3, Floyd Court, Triq Gianni Bencini, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' numru 292772 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’Mejju 2010 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti magmulin fi zminijiet differenti, izda li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda,

1. FIl-kapacita’ personali tieghu u bhala propjetarju tal-hanut Mercury DVD Rentals(Sliema)

a. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta’ industrija, jew, xjentement, ghamel uzu ta’ dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

b. Ghamel uzu, xjentement ta’ marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista’ tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b’din il-marka, sinjal jew emblema; jew

c. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal, jew emblema imxebbhin b’qerq;

u cioe diversi DVD film

2. Fl-istess data, lokalitajiet u cirkostanzi, ghal qligh, jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, iddupplika jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta’ l-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta’ Malta jew tahtha;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti kienet wkoll gentilment mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/I ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 26 ta' Novembru 2010 (esebit a fol. 13 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-26 ta' Novembru 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-26 ta' Novembru 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll ikkunsidrat il-fatt li ghandu il-fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 298 (1)(a)(c) u (f), 298B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sentejn(2) millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-DVD’s esebiti llum u mmarkati bhala IA 4, 5, 6 u 7.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------